MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 708/2002

**Avviz numru 708/2002DM**

**First International Limited**

**vs**

**Millenium Enterprises Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta’ elfejn, mitejn u tnejn u tletin liri maltin (Lm2232) liema somma tirrapprezenta prezz ta’ merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Lulju 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-

pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici; u

Ghaldaqstant wara li semghet bil-gurament ix-xhud prodotta mill-atturi u rat id-dokumenti esebiti, ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;  u

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ elfejn, mitejn u tnejn u tletin lira Maltin (Lm2232) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz; bl-imghaxijiet legali b’effett mid-9 ta’ Ottubru 2001;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------